MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Appell Civili - Ghawdex Numru. 43/2013/1

**George Zammit**

**Vs**

**Lawrence Borg**

Permezz ta’ avviz prezentat fit-18 ta’ Ottubru 2013 l-attur talab il-hlas ta’ elf seba’ mija u tmienja u sittin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€1,768.71) spejjez li ghamel biex parti mill-hajt li bena l-konvenut jerga’ jinbena mill-gdid peress li ggarraf. L-attur ppremetta li l-parti tal-hajt li waqghet ma nbnietx skond is-sengha u l-arti.

Permezz ta’ twegiba prezentata fit-12 ta’ Novembru 2013 il-konvenut qal:-

1. Il-hajt inbena skond is-sengha u l-arti.
2. Il-hsara li setghet grat kienet tort tal-attur li ddepozita materjal mal-hitan.

3. L-ammont mitlub hu ezagerat.

B'sentenza tal-14 ta' Lulju 2014 it-Tribunal cahad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf seba' mija u tmienja u sittin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€1,768.71).

Il-konvenut appella. L-aggravji huma:-

1. Ix-xoghol sar skond is-sengha u l-arti. Il-hsara f'parti mill-hitan saret ghaliex l-attur pogga hamrija li mbotta bil-gaffa. Inoltre l-attur ghamel sieqji tal-ilma ghal go dan il-hajt li dghajjfu l-istruttura tal-hajt.
2. F'kull kaz kien hemm negligenza kontributorja min-naha tal-attur meta ghamel uzu minn gaffa.
3. It-Tribunal ma kkunsidrax li mill-kont kienet tnaqqset is-somma ta' €2,000.
4. L-istima tal-perit Walter Portelli kienet ghall-bini ta' hajt gdid, meta rrizulta li mhux il-hajt kollu ggarraf.

L-attur ipprezenta twegiba fejn irribatta ghall-aggravji tal-attur.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:-

1. Il-perit Walter Portelli xehed li:

   *"Il fatt li dan il-hajt waqa' kien minhabba li l-hajt ma kienx marbut flimkien. Fattur iehor jista' jkun il-hxuna tal-hajt"* (fol. 31).

   *"Il-gebel ta' dawn il-hitan ma kienx marbut flimkien u ghalhekk gara li gara. Li kieku l-gebel intrabat, ma kienx isehh. Hajt meta jaqa' ghax ikun dghajjef….."* (fol. 31).

   Silvio Buhagiar kien il-persuna li nkariga l-appellat sabiex jaghmel xoghol fir-raba' bil-gaffa. Xehed:

   *"Jiena* ***waqt li kont qieghed nuza l-gaffa bl-ebda mod ma missejt il-hajt illi bena l-intimat. Jiena ma hdimtx fejn inbena dan il-hajt, imma fl-ghelieqi l-ohra****….. Jiena naf fejn waqa' l-hajt u ma hdimtx bil-gaffa tieghi fejn dan il-hajt. Hdimt go ghelieqi proprjeta tar-rikorrenti ohra li ghandu f'dawk l-inhawi"* (enfazi mizjuda, fol. 39).

   Ghalkemm l-appellant ressaq xhud lil Carmel Tabone li qal li f'xi zmien kien ra gaffa ddur fl-ghalqa fejn inbnew il-hitan, pero' qal ukoll:

   *"Jiena rajtu jahdem,* ***pero' ma rajtux imiss hitan****"* (fol. 44).

Fil-fehma tal-qorti t-tezi li l-hitan waqghu ghaliex l-appellat *"[....] iddepozita materjal ulterjuri ma' l-imsemmija hitan"*[1], baqghet biss allegazzjoni mhux ippruvata. 'Il fatt jibqa' li partijiet mill-hitan li nbnew mill-appellant, iggarrfu. Li jiggarraf hajt m'hijiex in-norma. Dan 'il fatt wahdu hu ndikazzjoni li x-xoghol ma sarx skond is-sengha. Ladarba l-appellant allega li l-hitan iggarrfu tort tal-appellat, kellu l-obbligu li jaghti tali prova.

2. L-appellant xehed li l-hitan iggarrfu ghaliex:-

 i. Il-materjal li pprovdielhom ma kienx tajjeb. Fatt li ma ssemmiex fit-twegiba li pprezenta tat-12 ta' Novembru 2013. F'kull kaz jekk kien hekk il-kuntrattur messu rrifjuta li jaghmel ix-xoghol. Ladarba accetta l-inkarigu dahal ghar-responsabbilta li jibni l-hajt skond is-sengha u l-arti. L-istess osservazzjoni ssir meta qal:-

 *"Jiena suppost illi naqbel illi kellu jsir sodda tal-konkos bil-vireg sabiex il-hajt ma jcedix ghaliex hemmhekk kien tafli. Kien hemm gholi ta' aktar minn hames (5) piedi.* ***Nghid pero li finanzi ma kienx hemm x'jintefqu*** *u ghax-xoghol li ghamilna x-xoghol zamm sentejn u nofs"* (fol 64).

 Sahansitra Anthony Debrincat, wiehed mill-persuni li bnew il-hitan u xhud tal-appellant, qal:

 *"Mistoqsi jekk dan il-hajt tas-sejjieh inbeniex fuq it-tafal jew le, nghid illi sa fejn naf jien hemmhekk u cioe' l-ghelieqi li ghandu George Zammit ir-rikorrenti huma taflin. Ahna bnejna hajt gholi fuq art taflija. Fil-fehma tieghi ma kellux isir hekk"* (fol. 63).

 Verzjoni li ma tghinx id-difiza tal-appellant.

 ii. *"Kien resaq lejn il-hajt bil-gaffa li tizen mat-tnax il-tunellata".*

 Jibda biex jinghad li l-appellant qatt ma xehed li l-appellat tefa' hamrija mal-hitan li ggarrfu, kif allega fit-twegiba (fol. 5)[2]. Carmel Tabone, xhud tal-appellant, ikkonferma wkoll li ghalkemm ra gaffa f'wahda mill-ghelieqi biswit l-ghalqa tieghu, ma rax il-gaffa tmiss il-hitan. Ir-raguni tghidlek li kieku l-gaffa kienet qeghda tross il-hamrija mal-hitan li bena l-appellat, il-hitan kienu jiggarrfu dak il-hin li kien qieghed isir ix-xoghol. M'hemmx prova li l-hitan iggarrfu waqt li kienet qeghda tintuza l-gaffa.

3. L-aggravji numru tlieta u erba' huma bla bazi, in kwantu m'hemmx prova li:-

[1] Twegiba a fol. 5.

[2] F'ittra ufficjali li pprezenta fl-4 ta' Gunju 2012 (fol. 17) qal li l-hitan waqghu ghaliex *"[....] inti ergajt poggejt ammont ta' hamrija u terrapien iserrhu ma' dan il-hajt.... Fit-tieni lok inti ghamilt swieqi ta' l-ilma ghal gol-hajt li ma komplewx ghenu s-sitwazzjoni".*

i. mill-kont finali ghax-xoghol li ghamel kienet tnaqqset is-somma ta' €2,000. Raguni li ssemmiet ghall-ewwel darba fir-rikors tal-appell. Fid-deposizzjoni tieghu l-appellant qatt ma semma li rcieva €2,000 inqas. Biex jissostanzja dan l-aggravju l-appellant ghamel biss riferenza ghad-deposizzjoni tal-appellat[3]. Pero' l-appellant qatt ma xehed li mill-kont li tah l-appellant naqqas is-somma ta' €2,000. Qal biss li dakinhar li l-appellant tah il-flus, kien cempillu bil-lejl u allega li kien tah €2,000 inqas. L-appellat qal: *"Wara li ghamilli hekk ghidtlu li ma ridtx narah aktar b'ghajnejha……"* (fol. 20). Dan apparti li:-

(a) Ma jirrizultax li l-appellant ha passi gudizzjarji kontra l-appellat biex jirkurpra din ic-cifra. Indikazzjoni cara li dan l-aggravju mhu xejn ghajr invezjoni tal-appellant.
(b) Il-hitan iggarrfu zmien wara u ghalhekk id-danni li sofra l-appellat m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dan l-aggravju.

ii. l-istima tal-perit Walter Portelli kienet ghall-bini tal-hajt kollu li nbena mill-appellant. Anzi fl-istima (fol. 16) jinghad: *"Estimate – Rebuilding of collapsed rubble wall Triq Ta' Wara s-Sur, Victoria"*. Il-perit Portelli stess xehed li l-istima tirrelata ghall-hitan li ggarrfu (fol. 31).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Seduta 22 ta' Novembru 2013 (fol. 19).